L-EWWEL KTIEB TA' L-EWWEL SENA — MARZU 1925

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROĠ

*IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

### XFIH DAN IL-GħADD

L-Ewwel Kelmiet (G. MUSCAT-AZZOPARDI)—Is-Sengħa tal-Kitba ( DUN KARM )—L-Ilma li nixorbu (T.Z.)—*Ortografia Maltese*—Il-Holma twettqet (P.)—Mons. Gonzi (DUN KARM)—Nagħmlu l-Ġid (KARMNU SANT)—Il-miġja f'Malta tar-Re u r-Reġina ta' Napli u Sqallija (ĠUŻE GATT)—Mistoqsijiet u Tweġibiet (A.C.)—Il-Grammatka Maltija fiċ-ċokon (F. S. CARUANA)—X'Jiktbulna—L-Iskrittura Mqaddsa u kif inhi mnebbha mn-Alla (MONS. KARLU CORTIS)—It-Trobbija tat-Tfal (G. MICALLEF GOGGI)—Xinhi l-Hajja tal-Bniedem (SALVU AGIUS)—Kif bdiet u mxiet il-Għaqda.

[DUN KARM = Mons. Karm. Psaila. T. Z. = Onor. Prof. T. Zammit C.M.G., M.D. P. = Mons. Pawl Cauchi. A.C. = Ant. Cremona.]

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

**L-EWWEL SENA** **1925**

MALTA
Stampat fl-Empire Press

DIRETTUR: G. MUSCAT-AZZOPARDI
89, Sda. St. Lucia, Valletta.

Hlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

---

Kull xorta ta' kitba, ħlas, jew ħwejjeġ oħra li għandhom x'jaqsmu mal-MALTI, jinbagħtu lil F. S. Caruana, 19, Strada Reale—Valletta.

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

L-EWWEL KTIEB TA' L-1925

## L-EWWEL KELMIET.

Kelli nitqanna bit-tmexxija ta' dan il-Ktieb, li sejjer joħroġ kull tliet xhur, *biex ixerred dejjem iżjed il-Qari tajjeb tal-Malti*, għax deherli li nonqos lil sħabi tal-Għaqda u nagħmilha ta' kbir minngħajr ma jien, jekk ma nidħolx għax-xogħol li għoġobhom jitilqu f'idejja, aktarx għax jien l-ixjaħ fosthom, jew għal ħaġ'oħra.

Ma-dan-kollu, il-ħidma tiegħi ma tkunx tqila kemm wieħed jista' jaħseb: l-ewwel nett, għax il-Kittieba ta' dan il-Qari, bħalma sejrin taraw b'għajnejkom, huma bosta u mill-aqwa, li, biex nagħmel il-wisa' lil kull-ħadd, bil-kemm ikolli fejn inħażżeż kelmtejn minn tiegħi; u, inbagħad, għax, biex igħini fil-bqija tat-taqsim tal-ktieb, tawni żagħżugħ li jaf u jħobb jaħdem.

Niftehmu, mela, fuq xi ħaġiet li jaħtieġ nistqarruhom qabel nibdew, u xejn aktar.

L-ewwel waħda, li dan il-Ktieb ma għandux x'jaqsam ma' *Partiti*, la ta' *Pulitka* u inqas ta' festi, ta' baned, ta' logħob u praspar oħra: la ta' Barra u inqas ta' Malta. Il-Kittieba ta' kull lewn u ta' kull bixla, merħba bihom kollha: imma, qabel ma jirfsu l-għatba ta' darna, iridu jinżgħu kull ġibda li tbiegħed minn ħsiebna u jħalluha wara l-bieb ta' barra, għax inkella ma nkunux nistgħu nilqgħuhom, inqas jekk ikunu l-aqwa ħbieb tal-lsien malti u tagħna nfusna.

It-tieni, nbagħad, li l-Kittieba ta' dan il-Qari, *għad li nixtiquhom jitkellmu l-iżjed fuq tagħlim u snajja*, ikollhom il-wesgħa li jiktbu fuq ħwejjeġ tal-Knisja, fuq tifsir ta' Kotba, fuq ġrajja qodma u ta' żmienna, fuq ħbarijiet, fuq taqbil, fuq mogħdija taż-żmien u fuq kull ħaġ'oħra (barra l-*Pulitka* u l-*Partiti*) : imma, jekk, fil-ktib tagħhom, jinbxu jew iniggżu lil xi ħadd, idumu jistennew li xogħlhom jara d-dawl !....

U, fl-aħħar, hemm bżonn nidraw li, mita jinqala' xi għilt bejn il-Kittieba, sewwa fuq il-Kitba maltija u sewwa fuq kull tagħlim jew tagħrif ieħor, ħadd minnhom ma għandu joħroġ mill-friex, billi jikxef 'il sieħbu (mita hi ħaġa li fiha jistgħu ma jidhrux b'isimhom, għax inkella ma nilqgħuhomx aħna) u jinfexx fi tkasbir u tgħajjîr li jagħmel għajb lill-Kittieba tal-ġieh u tal-għaqal.

Mela, f'kelma waħda, Qari tajjeb u ta' fejda, ġej mnejn hu ġej. Għax it-Twemmin tagħna fit-tmexxija tal-Malti jinġabar f'dawn il-kelmiet : Ħobb 'l Alla u 'l-Għajrek, billi tgħallem lil min ma jafx.

U nistgħu nieqfu hawn, għax fissirna ruħna biżżejjed mal-Qarrejja tagħna : imma ngħidu kelmtejn oħra, mhux għalihom daqs kemm għal dawk li huma torox għax ma jridux jisimgħu.

Kif għidna fil-bidu, il-ħsieb tagħna hu biss li *nxerrdu dejjem iżjed il-Qari tajjeb tal-Malti.* Għax hi għarukaża kbira għalina li lsienna, imfaħħar minn Kittieba ta' l-Italja, ta' Franza, ta' l-Ingilterra u tal-Ġermanja, bħala wieħed mill-isbaħ u mill-eqdem ilsna ta' l-Orjent, għadna ma nafux niktbuh tajjeb u b'Alfabêt wieħed. U, mita ngħidu *niktbuh tajjeb*, ma rridux nifhmu li *niktbuh safi*, għax is-*safi* u l-*imdennes* jiġi mix-xeħta tal-Kittieb, mhux mil-lsien fih in-nifsu (kif, biex insemmu t-Taljan biss, D'Annunzio u De Amicis ma jiktbux b'xeħta

waħda: dak *safi* u dan le, għad li huma kittieba tajbin it-tnejn): imma nifhmu *miktub b'Alfabêt wieħed*, li, għalkemm mibni fuq is-sisien tat-Taljan—u ngħiduh b'wiċċna minn quddiem li *l-Alfabêt tal-Għaqda hu mibni fuq is-sisien tat-Taljan*—jinsab imsewwi darba għal-dejjem fejn it-Taljan ma għandux il-leħnijiet maltin ċ, ġ, ħ, k, q, ż u għ, għax fl-ilsna ta' l-Orjent, bħalma hu tagħna, ebda ittra ma għandha tieħu iżjed minn leħen wieħed u ebda leħen ma għandu jinkiteb b'iżjed minn ittra waħda, kif jiġri fit-Taljan (*casa, cena, chiesa, ciondolo; gala, gelo, figlia, glicerina, ghifo*): u, fuq kollox, li jinkiteb bla ma jiżloq fil-grammâtka, ladarba l-Malti għandu grammatka wisq isbaħ u aktar mexxejja minn ta' l-ilsna l-oħra.

Mill-bqija, il-kliem li daħal fil-Malti minn l-Isqalli, kif ukoll mit-Taljan u minn ilsna oħra, qatt ma ħlomna li nwarrbuh: l-iżjed, inbagħad, jekk hu ħallas id-Dwana, billi ħâ xeħta maltija, li, minn daqqiet, inqas igħarfuh aktar in-nies ta' mnejn ġiena; imma inqas hu sewwa li tmur tnaqqar ħwejjeġ ħadd-ieħor, mita f'darek għandek x'jagħmel tajjeb, u għalhekk m'humiex ħbieb tal-Malti dawk li donnhom jitqanżħu biex ideffsu kliem barrani fejn għandna tagħna.

Fl-aħħar nett, nixtiequ ndaħħlu fi rjus l-egħdewwa tagħna—jew, ngħidu aħjar, fi rjus dawk li qatt ma riedu jafu bîna—li aħna la niħirħu mita naraw 'il xi wħud jinqdew bil-Malti għall-ħsibijiet ħżiena tal-*Pulitka* tagħhom, u inqas irridu, bit-tixrid ta' lsienna, nirfdu lil dawk li jobogħdu t-Taljan: irridu biss, b'fehma safja u sħiħa, nagħmlu kemm nifilħu biex neħelsu mill-għajb li fih jinsab il-lsien

*Tas-sbejħa fost is-sbieħ, Art li bennitna!*

**G. Muscat-Azzopardi.**

# IS-SENGħA TAL-KITBA

## IL-LSIEN, IL-KELMA U L-KITBA.

Il-bniedem biex ifisser lil għajru dak li hu jaħseb u jħoss, u biex jitlob dak li jeħtieġlu, jinqeda bil-*lsien*.

L-ilsna huma ħafna fid-dinja : ma hawnx ġens li ma għandux il-lsien tiegħu.

Fuq kif tnisslu l-ilsna wieħed minn l-ieħor, u jekk humiex ġejjin kollha kemm huma minn ilsien wieħed ewlieni, bosta nies ħaddmu moħħom u flew bir-reqqa l-kliem u s-sura tal-kliem, biex jaqbdu xi tarf ; iżda l-fehmiet inqasmu, u min qal ħaġa, u min qal oħra. Dan ifisser li din hi għadma jiebsa li biż-żmien biss tista' titgerrem. Aħna dan it-twegħir inwarrbuh, għaliex bħal issa ma jgħoddx għalina.

Il-kelma hi tabilħaqq wieħed mill-akbar għeġubijiet illi jagħżlu 'l-bniedem mill-animali l-oħra. Kif il-bniedem bi ftit ilħna, li hu jaf jilwi, jikser, iżewwaq, iqassam, jorbot u jifred, bi lsienu, bis-saqaf ta' ħalqu u bi grieżmu, jista' jfisser kull ma jaħseb u jixtieq, hi ħaġa li tgħaxxqek; iżda aħna ma nistagħġbux biha, għaliex qatt ma noqogħdu nifluha u nifhmuha sewwa.

Ħaġa oħra tal-għaġeb, kif il-bniedem għaraf joħloq il-għelmiet jew ittri, li bihom sata' jfisser l-ilħna kollha u jorbothom flimkien f'suriet bla għadd, sabiex ikun jista' jħożż dak li hu jaħseb u jixtieq.

Mhux dejjem il-bniedem għandu ma' ġenbu lil dawk li jixtieq ifissrilhom il-ħsibijiet tiegħu, u meta hu hekk il-kelma mill-fomm ma tiswa xejn, u jeħtieġlu jinqeda bil-kelma maħżuża jew *miktuba*.

PROŻA U POEZIJA.

Issa min jikteb aktarx ikollu għajnu għal ħaġa minn dawn it-tnejn : jew li jinqeda b'li jikteb biex *ifisser* lil ħadd ieħor dak li għandu f'moħħu ; jew biex *iħenni* lil min jaqra b'dak li hu jikteb.

Min jikteb biex *ifisser* lil ħadd ieħor dak li għandu f'moħħu u jfiehmu x'irid, aktarx jikteb ħafif, u jħaddem dak il-kliem, dak il-għidud u dawk ix-xbihiet li huma l-iżjed fil-fomm ta' kullħadd u jinsemgħu fit-taħdit ta' kulljum, biex il-ħsieb tiegħu jidher bħal f'mera: iżda min jikteb biex *iħenni* lil ħadd ieħor b'dak li jikteb, jagħżel dejjem l-isbaħ kliem, joħloq l-isbaħ dehriet, ifantas l-oħla xbihiet u jinseġ kollox flimkien *bis-sengħa*, biex il-kitba tkun iddoqq għall widna, sabiħa għall-moħħ u qawwija fuq il-qalb. L-ewwel sura ta' kitba tissejjaħ *proża*, l-oħra *poeżija*.

Għalhekk min jaqra *proża* isib kollox wati, u nistgħu ngħidu li qalbu ma tieħu ebda sehem fix-xogħol tal-kittieb, u moħħu ma jaħdimx ħlief kemm jeħtieġ biex jiġbor dak li tfisser il-kitba : fi kliem ieħor, min jaqra *proża* qisu qiegħed jisma' lil min jitħaddet ; biż-żejjed jisimgħu, biex jifhmu. Iżda min jaqra *poeżija*, jeħtieġlu li jissieħeb ma' min kiteb, u jħaddem rasu miegħu, u jħeġġeġ qalbu bin-nar tal-poeta; inklilê ma jiswielu xejn li jkun jaqra. Jeħtieġlu jidħol bi ħsiebu ġo kull kelma u bejn il-kliem ukoll ; jifli l-qagħda, it-taqsim u n-nisġa tal-għidud, igħarrex biex jilmaħ u jaħkem il-ħsieb kollu ta' min kiteb, u hekk jara l-leħħ tad-dawl li kien jixgħel u jżiġġ ġewwa moħħ il-poeta fil-ħin li kien jikteb ; jisma' l-ħlewwa tad-daqq li ħareġ minn qalb il-poeta u ntiseġ mal-kliem, u jduq il-hena tal-poeżija—hena li ftit iduquh—li jerfgħu il-fuq, il-fuq, lill-hinn mill-faqar, mid-dwejjak, mit-tweġħir ta' din il-ħajja, u jifrixlu quddiem għajnejh ħolqien ieħor, li hu qatt ma kien ra, u qatt ma kien joħlom li jara,

Minn dawn il-qatgħet ta' *proża* u ta' *poeżija* li ġejjin jista' wieħed jara x'igħaddi bejn il-waħda u l-oħra :

## IŻ-ŻGħURIJA

( PROŻA )

" Iż-żmien taż-żgħurija, iż-żmien li fih wieħed ma jaħti, igħaddi biex ma jarġa qatt l-ura. It-tifkira tiegħu fil-milja tar-rġulija iġġiegħlek tixtiequ u tibkih."

Erba' kelmiet li jifhimhom kullħadd, li jħosshom kullħadd, u li jgħidhom kull wieħed li jersaq lejn il-ħamsin sena.

Isimgħu issa kif igħidha l-poeta :

## IŻ-ŻGħURIJA

(POEŻIJA)

O żmien ħelu, kif għaddejtli,
Żmien ta' meta kont bla ħtija !
It-tifkira biss ħallejtli
Biex il-għira nħoss għalik :
Int ma tarġa iżjed għalija,
U sal-mewt indum nibkik.

..............................................

O żmien ħelu, għax bis-serqa
Tgħaddi u tmur bla ħadd ma jsibek ?
Bħala leħħa minn ta' berqa
Għaddejt fuqi u ġejt meħud :
Li kont nista' narġa nġibek
Kieku fik irrid immut.

(Dr. G. A. VASSALLO)

Il-ħsieb magħluq ġo din il-qatgħa ta' poeżija hu dak li hemm fil-proża ta' qabel ; iżda hawnhekk għandu qawwa barranija, għandu dawl ieħor, qagħda oħra, nisġa oħra u għalhekk ġmiel ieħor u ħlewwa oħra,

Dik il-għajta fil-bidu

"O żmien ħelu kif għaddejtli"

iġġiblek f'daqqa waħda quddiem għajnejk lill-poeta f'siegħa ta' swied-il-qalb, ħosbien, b'għajnejh miksura, b'rasu mwieżna fuq qiegħ idu, jiftakar fiż-żmien ta' meta kien tfajjel bla ħtija u bla ħsieb, u, fil-waqt illi jxebbah dak iż-żmien, hieni bla magħruf, maż-żmien li hu fih, jibki, u ma jistâx isib faraġ ħlief billi jikteb dak li hu jħoss, biex jaqsam ma' ħadd ieħor il-għomma ta' qalbu.

Iżda l-poeta jaf illi ż-żmien li għadda ma jarġa' qatt l-ura, u li t-tama ta' min jistennieh hi fiergħa: għaldaqshekk inti tisma' lil dan l-imsejken jistqarr illi għaraf wisq imwaħħar il-hena taż-żgħurija, u li jdum jibkih sa l-aħħar siegħa ta' ħajtu:

"It-tifkira biss ħallejtli
Biex il-għira nħoss għalik:
Int ma tarġa' iżjed għalija
U sal-mewt indum nibkik."

U kemm għaddiet tiġri, jaħasra! għall-Poeta s-siegħa tal-hena! Kif inħbiet u ntilfet fil-belliegħa taż-żmien!

"O żmien ħelu, għax bis-serqa
Tgħaddi u tmur bla ħadd ma jsibek?
Bħala leħħa minn ta' berqa,
Għaddejt fuqi u ġejt meħud.

U l-Poeta ma baqagħlux ħlief xewqa bla temma —ix-xewqa ta' min hu bla tarf imnikket—li miet mita kien għadu tarbija, mita kien għadu ma ġarrabx ir-rwiefen tal-ħajja, kien għadu ma xorobx l-imrar illi hemm merfugħ għal kull maħluq illi jgħaddi minn dan il-wied tad-dmugħ:

"Li kont nista' narġa nġibek,
Kieku fik irrid immut."

(Jissokta)

**Dun Karm.**

# L-ILMA LI NIXORBU

Ftit huma dawk li jaħsbu x'ilma jixorbu, mnejn jiġi, jekk hux tqil jew ħafif, jekk hux safi jew imniġġes. Sa kemm il-barmil jogħdos fil-bir u sa kemm mita wieħed idawwar il-vit l-ilma jiġi, ftit huma li jaħsbu fl-ilma. Mita jonqos igemgmu u mita hemm jaħlu.

Mela, kelmtejn fuq l-ilma naħseb li ma jkunux mitlufa.

L-ilma kollu ta' Malta u Għawdex ġej mix-xita.

Mita l-Bambin jibgħat ix-xita, ir-raba' jixrob u mita jixba', l-ilma jnixxi fuq il-blat u l-kotra taqbad it-triq tal-widien u tgerbeb lejn il-baħar. Minn wiċċ l-art u minn fuq il-bjut l-ilma jimxi mas-swieqi u jimla l-ibjar u l-ġwiebi u mita x-xita tehda u jidħol is-sajf, min ġabar ġabar għax ilma qabel Ottubru ma narawx.

Li ma kienx hemm ħsieb aktar minn dan, in-nies qajla kien ikollha x'tixrob fis-sajf.

Mita l-ħamrija tixba' mill-ilma, dan qajla qajla jibda nieżel fil-blat li bħal sponża dejjem jixrob. U hekk il-blat, mita tkun sena milwiema, jaħżen l-ilma li bil-ftit il-ftit jasal sa wiċċ il-baħar. Naraw issa kif l-ilma miġbur fil-blat samm jista' jarġa' fil-wiċċ biex jinxorob jew jissaqqa.

Billi għidna blat, m'hux biż-żejjed, għax hemm blat u blat. F'Malta, il-blat għoli fuq ir-riħ tar Rabat m'hu xejn bħall-blat li hemm l-isfel.

Il-għolja tan-naħħa tal-punent hi magħmula minn ħaġar taż-żonqor. Żonqor ta' fuq, ingħidulu, x'aktar tas-sekonda li għad li jidher samm jixrob ħafna ilma. Taħt is-saff taż-żonqor jaħbat saff tat-tafal li ilma ftit jew xejn jixrob.

Mita fix-xitwa s-saff żonqri ikun imgħarar bl-ilma x'aktar jagħmel triq fuq it-tafal u jimxi jew jistagħdar bejn it-tafal u l-blat. Jekk isib xaqq, jew xi tifrik tal-blat, l-ilma jfiġġ bħal għajn jew nixxiegħa u jarġa' jaqbad it-triq lejn il-widien.

Dak li ngħidulu ilma ġieri huwa l-ilma li jimxi fuq it-tafal wara li jitlaq iż-żonqor li fih inġabar.

Dak li għidna għal Malta jista' jintgħad għal Għawdex. B'hekk għandna f'Malta Għajn il-Kbira, Għajn Kiieb, Għajn Kajjed, Għajn Bierda u ħamsin nixxiegħa oħra li jsaqqu l-ġonna ta' ma' dwar il-għoljiet tal-punent, u Għawdex għandna Għajn Barrani, Għajn Sielem, Għajn Rajjes u oħrajn li niżlin lejn l-Imġarr.

Il-kelma Mġarr ġejja minn *ilma ġieri*; *Moġra* jekk tkun waħda, *Mġarr* jekk huma aktar minn waħda.

Hekk l-egħejun ma jistgħux isiru jekk ma hemmx tafal u mir-Rabat lejn il-vant ilma ġieri ma hemmx, għax it-tafal li darba kien hemm fuq il-blat ħaditu l-ħamla u ntemm.

Jekk l-ilma fuq it-tafal ma jsibx xquq mnejn joħroġ jibqa' mistagħdar bejn it-tafal u ż-żonqor ta' fuqu u jinġabar f'ħofor u dgħaben li bil-qajla jsiru.

Fejn hemm it-tafal hemm ukoll is-swieni.

Is-sienja m'hix ħlief toqba (spiera) maqtugħa minn wiċċ l-art, l-isfel, sa ma tiltaqa' mas-saff tat-tafal. Jekk issir ħofra fit-tafal, jew ħażżiena fejn l-ilma jista' jżomm, l-ilma, tista' tgħid, ma jaqta' qatt, għax qisek għandek għajn bħal ma għidna l-ewwel. Swieni u bjar ta' ilma ġieri ma jistgħux isiru ħlief fejn hemm it-tafal u għalhekk mhux l-inħawi kollha jinsabu.

Dak li jissejjaħ, Malta, l-ilma ta' Winjakur m' hux ħlief l-ilma ġieri tar-Rabat u ta' Ħad-Dingli li nġabar fi żmien is-sultan Wignacourt u tressaq lejn il-belt fil-qana tal-ħaġar u li naraw minn Ħat-tard sal-Ħamrun għaddej fuq l-arkati.

Sal-1887, barra mill-ilma tal-bjar, f'Malta ma kellniex ħlief l-ilma ta' dawn l-egħjun, li qabel jasal Ħat-tard jinġabar fil-ġwiebi kbar tal-Qâli jew tal-Qâni.

Nistħajjel min igħid: huwa wara l-1887 sar xi għaġeb? Mela, kif kotor l-ilma?

Ma sar l-ebda għaġeb iżda sar ftit tal-ħsieb u għad li b'mitt sena ħsieb ma traqqâx geżwira, kif igħidu n-nies, il-ħsieb jiswa għal kullħadd.

Għidna li l-ilma jinxorob fil-blat kollu, barra minn fit-tafal. Fiż-żonqor ta' fuq jinġabar sa ma jżommu t-tafal u fil-blat l-ieħor ma hemm xejn xi jżommu u għalhekk jibqa' nieżel sal-baħar.

Min jaf jaħseb qal: Jekk issir mina fil-blat ma' wiċċ il-baħar, dil-mina għandha terħi l-ilma miġbur fil-blat u jekk dil-mina tkun imżerżqa u tferraħ ġewwa ġiebja, l-ilma jista' jinġabar. Jekk fuq il-ġiebja titwaqqaf pompa qawwija, l-ilma jista' jarġa jintreħa fill-wiċċ. Dan intqal u ġġarrab dak li nħaseb u l-lum f'Malta għandna maż-żewġ miljuni galluni ilma kull jum. Mina kbira saret li mill-Marsa tieħu lejn is-Siġġiewi u f'Wied il-Kbir, f'Wied is-Sewda u issa fil-Ħara tal-Ħlas hemm pompi li jtellgħu ħodon ilma ġmielu.

Għawdex hemm ukoll pompi Għajnsielem, l-Imġarr, Ix-xini u bil-għajnuna tagħhom in-nies tixrob, għad li minn żmien

Winjakur żdidna bla qies u sirna naħlu aktar ilma sew fil-ħasil ta' ġisimna u ta' ħwejjiġna.

Ma hemmx għalfejn ingħid kemm flus nefaq il-Gvern biex iżid l-ilma f'Malta u Għawdex u kemm ħsieb sar waqt ix-xogħol u kemm taqtigħ ta' qalb mill-periti, minn l-imgħallmin u mill-ħaddiema.

Konna ntegħmu aktar ħelu l-ilma, kieku mita niftħu l-vit u nimlew it-tazza, naħsbu ftit kemm sewa xogħol biex l-ilma tax-xita issibu x'hin trid fil-kamra.

T. Z.

# ORTOGRAFIA MALTESE

(*MELITA*, Vol. V, 2 1925)

Qrajna dak li s-Sur A. B. għoġbu jgħid fuq it-*Tagħrif* tagħna fil-*Melita* ta' Frar, u ħadna gost.

Xtaqna ħafna li flok l-inizjali biss niżżel ismu kollu. Ma konniex sejrin inċanfruh, minn fuq konna nsellmulu bil-qalb u niżżuh-ħajr wiċċ-imb'wiċċ.

Milli jidher A. B. hu wieħed minn dawk li t-*Tagħrif* qrah u studjah sewwa u ma għamilx bħal xi wħud li tefgħuh għat-trab fuq l-ixkaffa u minn fuq qalu li t-*Tgħrif* hu ħmerija, ħrafa, u xnaf jien. Nafu xi ħadd li wara li qal kemm felaħ kontra tiegħu, sibna li l-anqas biss kien qrah fuq fuq !

A. B. flieħ bil-għaqal kollu,—kif għandu jagħmel kritiku tal-ħaqq—u qal minnu dak li deherlu li kellu jgħid u għader il-ftit żbalji li ma setgħux ma joħorġux fi ktieb bħal dak.

Ħaġ'oħra għoġbitna f'A.B.: ma faħħrux bi kliem sabiħ, vojt, kollu fjuri, iżda—fit-tgħarbila li għarblu—bi kliem ħiemed, u kollu sugu.

Aħna niżżuh-ħajr minn qalbna.

# IL-ĦOLMA TWETTQET

Ili mill-1919 nikteb u nlablab li hemm bżonn nagħmlu xi ħaġa għal-lsien Malti. Fl-aħħar kollox wasal! Il-grammâtka maltija ġâ rat id-dawl: folju ġdid tal-malti letterarju sejjer jibda jmexxi ħsibijietu ma' dawk ta' ħutu miktubin bil-lsien tal-pôplu: il-lum il-ġurnata, fil-Parlament smajniehom jitħaddtu bil-malti, u, jekk forsi dan ma tantx kien safi, ma-dan-kollu dejjem fih sura maltija. Il-ħolma tassew li twettqet! Meta, fil-«*Ħabib*» tal-1919 u 1920 konna nħambqu li m'hemmx nazzjon fejn ma hemmx ilsien, li hu għadu tal-pajjiż min jeħodha kontra lsienu jew iniggsu bla bżonn u għaltapposta, qatt ma konna nobsru li kellhom daqshekk nies iduru mal-għidud tagħna! Iżda l-lum il-malti għandu xejra tajba, għax il-Kittieba tiegħu qamu fuq tagħhom. Mhux forsi sewwa dana kollu? Jekk il-malti ma kellux letteratura, agħmlu l-qalb u ibdew iktbuhielu! Flok tmaqdruh u bih tiddieħku, u tagħmluh bħal ilsien li bih għandek tistħi, aħdmuh, daħħlu kliemu fin-nar, naddfuh, tuh il-lewn u s sura tad-deheb, użawh fil-prosa u l-poeżija u tgħidux li barra minn Malta xejn ma jiswielkhom! Ma tafux, mela, x'hena ħassew ħutkhom, meta, ġewwa l-Amêrka, l-Awstralja, fl-Eġittu, fil-pajjiżi ta' barra, flimkien iltaqgħu u *bih*, bih biss tħaddtu, u, minnħabba fih, ftakru f'Malta l-ħanina, f'nieshom, fi ħbiebhom, fiż-żmien li kienet tilqagħhom ġo ħdanha din artna? Ma għandux letteratura l-malti! Jien minngħalija, xi poeżiji, xi rumanzi, xi prosa miktubin bi lsienna jogħġbuni, daqskemm jistgħu jogħġbu lit-taljani l-kotba bit-taljan.

Dejjem hekk kien! Orjentalisti famużi faħħru ilsienna, studjawh, kitbu fuqu, bih stagħġbu, u aħna nmaqdruh! Tridu jiġrilna bħal dik il-ħamiema tal-ħrafa, li, darba stħat tibqa' tgħix ma' sħabha, u għalhekk, libset rix il-pagun u telqet biex tgħix mal-paguni, li ddieħku biha u keċċewha, u ġiet ukoll imkeċċija minn sħabha u baqgħet għal dejjem imregħxa!

Nifhmuha tajjeb: nistudjaw u nitgħallmu ilsna barranin kemm irridu: inħobbuhom ukoll daqs tagħna, bħalma 'l għajrna għandna nħobbu bħalna nfusna: iżda qatt ma nmaqdru 'l-ilsienna, għax inkunu qegħdin niċċekknu quddiem il-barrani!

Naħdmu flimkien annuna, u, hekk, bħalma għamlu ġewwa pajjiżi oħra, aħna natu lill-ilsienna dak is-sebħ li jistħoqqlu, biex dejjem iżjed tiġi mwettqa il-ħolma ta' dawk kollha, li jħobbu tassew lil Malta u dak kollu li hu *biss* u *tassew* tagħha.

P.

**Fil-Jum**
**illi Mons. MIKIEL GONZI**
**kien ikkunsagrat Isqof ġdid ta' Għawdex u mexxa l-proċessjoni ta' San Ġużepp, Titolar tal-Knisja tal-Kalkara, fejn twieled.**
**13 ta' Lulju 1924.**

---

Bil-qiegħda fuq xtajta xemxija tal-baħar
Fil-mera ta' l-ilma jirtogħdu ġenbejk,
Ja sbejħa Kalkara, qum, ilbes, u ftaħar:
Il-hena ta' qalbek ħa' jfur minn għajnejk.

Isimgħu fuq rasek x'imewweġ il-ħabar
Tal-Għid illi bħalu la ħlomt u la xtaqt:
Il-Knisja mhejjija tistiednek; inġabar:
Lis-Sema li ħabbek rodd ħajr f'dan il-waqt,

Fil-jum illi fuqek bid-daħka tal-ħlewwa
Iħares Ġużeppi mill-ogħla smewwiet,
U minnek ibiegħed tal-Għadu kull dnewwa,
U qalbek iħeġġeġ b'imqaddsa ġibdiet,

Żagħżugħ fost uliedek, ħabrieki, qalbieni,
Imżejjen bil-għaqal, bit-tjieba, bil-gieh
Bħac-ċkejken Davidde, ġie mqiegħed ewlieni,
Magħżul mill-kbir Alla għal Sehem sabiħ.

Fil-gżira li tħaddar tewmija ma' tagħna,
Hemm merħla tistenna il-faraġ, il-ferħ:
Lil Ibnek issejjaħ: Ragħaj ieqaf magħna,
Sa kemm m'intix fostna la hena u la serħ.

Lil dan l-Iben tiegħek li ħabbek, li faħħrek,
Li miegħek itgħannaq sa l-aħħar sigħat,
Flimkien ma' Ġużeppi taħt sema li jsaħħrek
Dalwaqt tarah miexi ma' l-isbaħ triqat.

Bil-qiegħda fuq xtajta xemxija tal-baħar
Fil-mera ta' l-ilma jirtogħdu ġenbejk,
Ja sbejħa Kalkara, qum, ilbes, u ftaħar:
Il-hena ta' qalbek ħa' jfur minn għajnejk.

**Dun Karm**

*Tagħrifa.*—Bħal ma hemm imħabbar fir-Ras, din il-poeżija kellha toħroġ fit-13 ta' Lulju 1924; iżda billi l-Konsagrazzjoni ta' Mons. Gonzi ma setgħetx issir dak-in-nhar, dawn il-versi ma dehrux.

# NAGħMLU L-ĠID

Ebda bniedem ma jista' jgħid : irrid nagħmel ġid, iżda ma nistâx jew inkella: Ma nafx !

Dan ħadd ma jista' jgħidu !

U l-iktar li jista' jsir ġid, bla xejn biża' bil-kitba.

Jista' wkoll isir ġid bil-kliem, iżda l-inqas tista' xxebbah in-nida max-xita! Il-kliem jintesa, iżda l-kitba lê ! Għax il-Qawl igħid; "*Il-miktub mhux maħrub.*"

Mela, nithejjew biex f'dan "*Il-Malti*" niktbu biex ngħallmu lil ħutna, l-ewwelnett l-imġieba t-tajba li minn din jiġu l-għerf, it-tjieba u r-rażna, li dawn huma l-qofol tal-ġid sew lilna, kif ukoll lil għajrna.

Inbagħad inqisu li fil-kitba tagħna, natu d-dawl fuq kull ma jinħtieġ, fuq kollox f'dak li jmiss lid-Dîn biex Alla jbierek il-ħidma tagħna, u fuq dak li jinħtieġ għal ġid ta' ħutna fil-ġisem, billi niktbulhom fuq biedja u snajja, biex fil-"*Il-Malti*", il-qarrejja jsibu dak li tixtieq qalbhom, kullħadd fuq biex hu mixħut.

Nixtieq li kliemi jseħħ għal ġid ta' l-aħwa kollha.

Inselli għalik, Sur Direttur, u mill-ftit li naf u li nista' ngħinek bid-dgħajfa ħila tiegħi bil-kitba, bħal ma tlabtni, għad illi għaċ-ċokon tiegħi ma kienx jistħoqqli. Il-Qaddej tiegħek ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

**Karmnu Sant.**

# IL-MIĠJA F'MALTA TAR-RE U R-REĠINA TA' NAPLI U SQALLIJA

Meta fl-1844, ir-Re ta' Napli u Sqallija, Ferdinandu t-Tieni, flimkien ma' martu, ir-Reġina Marija Teresa Iżabella, kienu qegħdin iżuru l-artijiet tagħhom, tħajru li jiġu u jagħmlu żjara hawn Malta. Għalhekk telqu minn Serakusa għal hawn fuq żewġ fregati naplitani, flimkien mas-segwitu tagħhom, imgħaqqad mill-markiża del Vasto, bħala s-sieħba tar-Reġina; mit-Tenent Ġeneral Prinċep ta' Satriano; mit-Tenent Ġeneral Duka ta' San Pietro, Logutenent tar-Re fi Sqallija ; mill-Prinċep ta' Ċellammare, Kavalier ta' l-unur tar-Regina; mill-Kavalier Afan de Rivera, Direttur Ġenerali ta' l-ilma u t-toroq; mill-Marixxall tal-kamp Konti Gaetani, Ajjutant tar-Re; mill-Brigadier Scarola, Ajjutant tar-Re; mid-Duka Imbert, Kaptan ta' Ġifen u Ajjutant tar-Re; minn żewġ kaptani ta l-Istat Maġġur: De Steiger u Nunziante; mill-Kaptan tal-Ġenju, Colucci; mill-prim tenent ta' l-Istat Maġġur, Grenet u mill-Kmandatur Corsi, Segretarju Partikulari tar-Re.

Hekk kif iż-żewġ fregati naplitani *Tancredi* u *Ercole*, li fuqhom kienu r-Re u r-Reġina, fis-sagħtejn ta' wara nofs inhar ta' l-24 ta' Ġunju 1844 deħru resqin lejn Malta, il-Viċi Armirall, Sir E. Owen, bagħat il-biċċa tal-gwerra *Acheron* biex tilqagħhom; u malli t-*Tancredi*, li fuqu kienu r-Re u r-Reġina, fil-ħamsa ta' wara nofs inhar deher fid-daħla tal-port, Sant'Anġlu sellimlu b'tislima rjali ta' 21 tir tal-kanun, u wara ssoktaw isellmu l-ġifen tal-Viċi Armirall, Sir E. Owen, il-*Formidable*, tal-Kontr'Armirall, Sir L. Curtis, is-*Ceylon*, u l-*Aigle*. U għal dan it-tislim wieġbet il-fregata naplitana *Ercole*.

Malli t-*Tancredi* u l-*Ercole* daħlu fil-port u rabtu, il-Gvernatur, il-Viċi Armirall u l-Kontr'Armirall, flimkien ma' l-Istaff Maġġur tagħhom u ma' Sir Hector Greig, prinċipal segretarju tal-Gvernatur, telgħu malajr abbord tat-*Tancredi* biex jagħmlu żjara lis-Suvrani; u wara li damu xi kwarta magħhom jitħaddtu, il-Gvernatur u s-Segretarju niżlu l-art, u l-Viċi Armirall u l-Kontr'Armirall marru fuq iġ-ġfien tagħhom.

Għall-ħabta tas-sitta, ir-Re u r-Reġina telgħu fuq lanċa tal-*Formidable* u telqu lejn ix-xatt biex imorru l-Belt. Malli waslu fix-xatt ġew milqugħa minn Gwardja ta' l-Unur tar-Riġment tal-*Black Watch*, taħt il-Kmand tal-Kaptan Charles Murrey, u sabu jistennewhom lill-Kurunell Balneavis, Maġġur tal-pjazza, flimkien ma' l-Ajjutant tal-Gvernatur.

Hekk kif ir-Re u r-Reġina middew riġlejhom fl-art, ġew imsellma b'tislima rjali minn Sant'Anġlu u mill-bċejjeċ tal-gwerra fil-Port, fejn, għal da't-tislim wieġbu l-*Ercole* u t-*Tancredi*, u l-banda tal-*Black Watch* daqqet il-*God save the Queen*.

Is-Suvrani rikbu l-karrozza tal-Gvernatur, u flimkien mas-segwitu tagħhom, telgħu t-telgħa tal-Kruċifiss, għaddew mill-Furjana u baqgħu deħlin il-Belt, minn Puturjal, qalb kotra kbira ta' nies minn kull fejn għaddew. Baqgħu sejrin lejn il-Palazz, fejn hemm kien qiegħed jistennihom il-Gvernatur, u fid-daħla tal-Palazz kien hemm tilqagħhom Gwardja ta' l-Unur tar-Riġment *Connaught Rangers*.

Il-Gvernatur dawwarhom il-Palazz u l-Armerija, fejn damu hemm sat-8 ta' fil-għaxija. Inbagħad ħaduhom Sant'Anton, u f'xiddisgħa reġgħu l-ura lejn il-Belt, minn fejn, f'xi l-għaxra, telgħu abbord tagħhom.

Il-għada, 25 ta' Ġunju, għall-ħabta tat-tmienja ta' fil-għodu, is-Suvrani, bis-segwitu tagħhom, niżlu l-art, fejn mill-ġdid kellhom tislim rjali minn Sant' Anġlu u mill-bċejjeċ tal-gwerra fil-Port. Daħlu l-Belt u ġew meħuda jduru l-Knisja ta' San Ġwann.

F'San Ġwann ġew milqugħa minn bosta Kanonċi, li dawn dawruhom kullimkien, u r-Re qagħad jifli sewwa l-bosta monumenti u ħwejjeġ oħra maħduma bl-akbar sengħa li hemm.

Fil-ħin li kienu f'San Ġwann, mar inxeħet f'riġlejn is-Suvrani wieħed mit-Taljani maħruba li kien hawn u li kien ilu ħafna hawn Malta maħrub minn pajjiżu mħabba fil-pulitka, u talabhom maħfra. Is-Suvrani tawhielu malajr.

Wara li s-Suvrani qagħdu jitolbu xi ftit, ħarġu minn San Ġwann flimkien mal-Gvernatur, mal-Konslu ta' Napli, Ramirez, u mas-segwitu tagħhom, u marru lejn il-Palazz. Inbagħad ir-Re mar iżur il-Fortizzi mal-Gvernatur u mal-Kurunell Balneavis u r-Reġina marret iżżur il-knisja ta' San Pawl.

Għal wara nofs inhar, ir-Re għamel żjara lill-ġifen *Formidable* fejn dam ħafna abbord. Inbagħad, flimkien ma' Sir E. Owen u Sir L. Curtis, mar jara t-tarznar; żar il-bini, li kien għadu qiegħed

jinbena: l-ifran għan-nies tal-baħar; mar jifli x-xogħlijiet tal-baċil il-ġdid, u ftit tal-ħin wara mar Marsamxett iżur il-Forti Manoel u Lazzarett.

F'dawn iż-żjajjar li għamel ir-Re, kull meta kien igħaddi minn quddiem xi biċċa tal-gwerra, kull darba kienu jsellmulu b'21 tir tal-kanun.

Għal xi s-sitta ta' wara nofs inhar, fix-xagħra tal-Furjana, saret rivista magħmula mir-Riġmenti *Royal Scotch*, *Black Watch*, *Connaught Rangers* u mir-Riġment Malti tal-Fanterija: *Royal Malta Fencible*. Dawn ir-Riġmenti kienu taħt il-kmand tat-Tenent Kurunell Phibbs tal-*Connaught Rangers*.

Għal din ir-rivista kien hemm ir-Re u r-Reġina: ir-Re kien mal-Gvernatur u l-Istaff tiegħu, u r-Reġina kienet f'karrozza ma' Lady Stuart, il-mara tal-Gvernatur, mal-Markiża del Vasto u mas-sinjurina Stuart, it-tifla tal-Gvernatur.

Fil-ħin li kienet issir ir-rivista, il-Qampiena tal-Knisja ta' San Publju daqqet l-Ave Marija, u r-Re neħħa malajr il-kappell minn rasu, rabat idejh u qagħad jitlob b'ħeġġa kbira sa kemm spiċċat il-barka.

Malli r-rivista kienet sejra tispiċċa, ir-Re għoġbu jsejjaħ fejnu tliet suldati taċ-ċirimella tal-*Black Watch* biex idoqqu quddiemu, u deher li għoġbu ħafna d-daqq li sama', billi tâ xi ħaġa tal-flus lit-tlieta taċ-ċirimella, u qal li jrid jagħmel libsa tal-geżwira lil wieħed mir-Riġmenti tiegħu.

Fit-tmienja, wara li spiċċat ir-rivista, is-Suldati telqu lejn il-kwartieri tagħhom, u r-Re mar il-Palazz mistieden mill-Gvernatur għall-pranzu, mnejn wara l-pranzu mar abbord; u l-għada, 26 ta' Gunju, fl-erbgħa u nofs ta' fil-għodu siefer għal Sqallija imsellem mill-Fortizzi u l-bċejjeċ tal-gwerra fil-Port.

Dan kien it-tielet Suvran li ġiê jagħmel żjara lil Gżiritna.

Tal-Pietà, 14-2-25.

**Ġużè Gatt.**

XERRDU

« IL-MALTI »

JEKK THOBBU T-TAGħLIM TA' LSIENKOM

# MISTOQSIJIET U TWEĠIBIET

*G. G.* Staqsejtna jekk il-kelma *tagħrbil*, kif inhi miktuba u stampata fil-karta li ħriġna biex niġbru l-imseħbin fil-*Malti* hix miktuba sewwa, għax għalik ħażina. Għandek raġun biex tbiegħ li rajtha miktuba ħażina, u għandna tort aħna li tlaqniha minngħajr ma flejniha. L-akbar ħmar hu dak li ma jagħrafx l-iżball tiegħu u aħna s-seww miegħu u nistqarruh bla mistħija. Fuq il-kitba ta' *tgħarbil* (u mhux *tagħrbil*) nitolbuk taqra fit-*Tagħrif* pag: 63 u 64 (2) taħt ir-ras "*Nomi mnisslin mill-Verbi*" fejn din il-kelma, mnissla mill-verb *għarbel*, hi miġjuba fost il-*quadrilitteri* (ta' erba' konsonanti) u timxi massuriet sħabha ta' *farfar*, *kasbar*, *qarben* li jagħmlu n-nom *infinitiv: tfarfir-a*, *tkasbir-a*, *tqarbin-a* etc. Aqra wkoll fl-*egħluq* pag: 111 (3). *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija.*

*G.M.* Naħseb li ma għandekx raġun meta ħsibt li *jismu* hu *nom* Fil-qawl «*Ikun jismu: Il-Malti*» il-kelma *jismu*, għalkemm ġejja min-nom: *isem*, hi *isem verbali* jew aħjar *nom* jew *isem* li jieħu s-sura ta' *verb impersonali* fil-*present* u jibqa' hekk fit-*tempijiet* kollha li jitfissru bil-verbi *awżiljarji* jew bxi verb ieħor, ez: *Kien jismu, Ħaseb li jisimni.*

Li hu verb, l-ewwel nett jurih il-ħoss ta' l-ewwel konsonanti *j*, bħala ittra marbuta mal-bidu tat-tielet persuna talverb fil-*present* jew *futur* (*servile preformativa caratteristica*); it-tieni, turih iż-żjieda tal-pronom *ni* f'tarf il-kelma meta ngħidu: *Jisimni* u mhux *Jismi*, imma iva *ismi* meta l-kelma hi *nom*. Iż-żjieda *ni* ma jiħduhiex ħlief il-*verbi* u xi partiċelli. Ara t-Tagħrif pag: 92 taħt il-għadd 61. *Isem* bħala *nom* jieħu ż-żjieda ta *i* u ngħidu: *ismi* (*hu*) *Pawlu*, imma nbagħad *jisimni Pawlu*, fejn *jisimni* ħa l-għamla ta' *verb*. Flok: *Ikun jismu* stajna għidna: *Ismu jkun*: *il-Malti*, fejn *ismu* hu nom mitfugħ qabel il-verb, kif dlonk iridu l-Malti. Minn *isem*, għamla ta' verb (fil-għarbi ta' Trîpli: *smâ* biex jingħażel minn *isem*, nom cfr: *smâ-ni ismi*, (Griffini), tnissel *semma* li għandu tifsir wieħed bħal tat-Taljan *nominare* (*dar nome.*)

**A. C.**

---

Min il-quddiem ikun irid jagħmel xi mistoqsijiet fuq il-Grammatka jew l-ortografija Maltija, jiktbilna u kif nistgħu nweġbuh bil-qalb kollha taħt l-ewwel ittra ta' ismu u kunjomu.

# IL-GRAMMATKA MALTIJA FIĊ-ĊOKON.

Mita deher it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, ġara dak li jiġri dejjem mita sseħħ xi ħaġa li l-bnedmin, iriduha jew ma jriduhiex, ikunu ilhom jistennewha bi ħrara kbira. Dawk li jafu x'isarraf il-Lsien Malti, ġewwenin jew barranin, ferħu bih u faħħruh; dawk li għadhom ma jafux x'isarraf, imma jixtiequ jafu, laqgħuh bil-qalb kollha u middew għonqhom fuqu biex ifittxu jitgħallmuh; u dawk li, rashom mitlufa fuq ħaġ'oħra, qatt ma riedu jafu bih, kemmxu xuftejhom u qalu li hu twil u tqil wisq. Imma dawn ma qrawh xejn, u inqas biss messewh b'idejhom, li jewwilla ma jħammġuhomx: bħalma ma qrawhx il-Kajmani li, il-għada li waslilhom il-ktieb tat-*Tagħrif*, xandru bil-miktub *li hu xogħol sabiħ, għad li huma ma jaqblux miegħu f'kollox*. Ġewwa Malta kif iddur, m'hawnx Għaref li, f'ġurnata, jilħaq jaqra t-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, u jiżnu, u jgħarblu, u jiflih kif jixraqlu, biex jista' jgħid jekk hu *sabiħ jew ikreh, jekk jaqbel miegħu jew ma jaqbelx*.

Li t-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* jitlob ħafna studju, ngħiduh aħna qabel kull-ħadd. Liema Grammatka ta' lsien ieħor ma titolbux ?.... Imma, fost dawk li laqgħuh bil-ferħa u xteħtu fuqu bix-xewqa li jifhmuh, hemm qatgħa ġmielha ta' żgħażagħ li sâru jaqraw u jiktbu l-Malti tal-Għaqda bil-ħeffa. U kif irnexxew dawk, jistgħu jirnexxu l-oħrajn kollha ta' rieda tajba. *Għax int u mhux jien ?*, kien igħid Santu Wistin.

Ma'-dan-kollu, biex naqtgħu ż-żarda lil kull-ħadd u ngħinu lil min irid tas-sew jindafar mal-ktib tajjeb bil-Malti, sejrin inġibu dan ix-xogħol sabiħ—u sabiħ għal darba—tas-*Segretarju* tagħna. Fi ftit kliem, m'hux ħlief it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* miġbud fil-qosor, jew, ngħidu aħjar, il-*Grammatka tal-Lsien Malti fiċ ċokon*; imma, għalkemm qasira u ħafifa, li wieħed jista' jitgħallimha *amment* f'ġimgħa, sħiħa u mogħnija b'kullma jinħtieġ.

Il-ktieb tat-*Tarħrif* fih 130 faċċata, u din, b'kollox, ma tkunx tlaħħaq sittax-il waħda.

* * *

## L-ALFABET

L-Alfabet huwa s-sies ta' kull kitba, bħal ma l-blat huwa l-pedament ta' kull bini; blata tajba: bini sod—alfabet tajjeb: kitba soda.

L-Alfabet li għażlet *il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, għad li hu f'sura ta' ittri rumani, għandu xejra xemija, kif titlob il-kitba maltija: minngħajr dix-xejra, dal-pedament ikun jiċċaqlaq u l-bini tal-kitba maltija ma jkunx jista' jżomm u jaqa'. Għalhekk s'issa l-kittieba qatt ma qablu fil-kitba tagħhom u għalhecc il-qarrej qatt ma sata' jżomm f'moħħu ortografija waħda, bi ħsara kbira għall-ġieh tal-lsien malti.

L-ittri li l-*Għaqda* rat li jinħtieġu biex tinkiteb sèwwa kull kelma maltija, bla ebda tfixkil u taħbil żejjed tal-moħħ, huma 29:—5 vokali u 24 konsonanti.

Bħala bażi, imxiet fuq il-kitba li sal-lum l-iżjed li mxiet fost l-aħjar kittieba, biss sabet li ma satâx ikun li timxi ma' l-ortografija taljana fil-ħoss ta *ca*, *che*, *chi*, *co*, *cu* — *cia*, *ce ci*, *cio*, *ciu* ( kif ukoll għall-*g* ), jiġifieri ma setgħat qatt tbaxxi rasha u tgħid li fil-Malti—lsien xami—tista', l-istess ħoss, daqqa turih b'konsonanti waħda ( *ca*, *co*, *cu*,—*ce*, *ci* ) u daqqa turih bi tnejn jew bi żjieda ta' vokali ( *che*, *chi*,—*cia*, *cio*, *ciu* )—ħaġa li tmur għal kollox kontra kull bidu ta' grammatka xemija, bħal ma hi l-maltija, għalhekk qatgħet li DEJJEM U QUDDIEM KULL VOKALI JEW KONSONANTI

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| għall-ħoss | ħelu | ta' | *ce* | tidher | il-konsonanri | *ċ* |
| ,, | jiebes | ,, | *che* | ,, | ,, | *k* |
| ,, | ħelu | ,, | *ge* | ,, | ,, | *ġ* |
| ,, | jiebes | ,, | *ghe* | ,, | ,, | *g* |

u minnħabba f'hekk

għall-ħoss tal-gerżuma q (*qof—f'qalb*) tidher il-konsonanti *q*.

Qatgħet ukoll li jiġu magħqudin iż-żewġ ittri *g* u *h* fil-monogramma Għ, għ, *Għ*, *għ* u hekk isiru ittra waħda. (*)

L-ittri *j* u *w* jidhru bħala konsonanti dgħajfa, u għalhekk huma u l-vokali *i* u *u* ma humiex l-istess ħaġa bħalma xi wħud ħażin jibdluhom, għad li xi-minn-daqqiet dawn (il-vokali) jidhru minn flokhom, kif għad naraw il-quddiem.

Mill-bqija, żammet kollox kif aħna mdorrijin bihom.

---

(*) Billi l-istampaturi għad ma ġibux il-*għ* maqgħuda, kellna kontra qalbna nitqannew, f'dan il-ktieb, bil-*għ* magħżula.

L-Alfabett hu dan :

1. A, a. arda, bieb (flok bâb)
2. B, b. bejt
3. Ċ. ċ. ċajta, ċpar, ċempel
4. D, d. dud
5. E, e. elf, xena
6. F, f. fehem
7. Ġ, ġ. ġandar, ġfien, ġewż
8. G, g, gidba, gendus, xellug
9. Għ,għ. tagħna, għorfa
10. H, h. deher, fih
11. Ħ, ħ. melħ
12. I, i. ixtri, bir
13. J, j. bjar, jiena
14. K, k. ktieb, kelb, kokka
15. L, l. lewlu
16. M, m. mitħna
17. N, n. nar
18. O, o. omm, morr
19. P, p. pespus
20. Q. q. qorq
21. R, r. ruħ
22. S, s. sies
23. T. t. tibna, tuta
24. U, u. użin, sufa, ħuti
25. V, v. venven, vleġġa
26. W, w. wirdiena
27. X, x. xemx
28. Z, z zokk, zuntier
29. Ż, ż. żunżana

L-Alfabet, hekk imsawwar, fil-waqt li ma jitbegħidx mit-tagħlim tal-Maltin, għax imfassal fuq ittri latini u mressaq *kemm jista' jkun* lejn kif inhuma mdorrijin jiktbu, huwa mfassal fuq sisien qawwija li jaqblu għax-xejra tiegħu li hi xejra għal kollox xemija.

L-ITTRI U S-SILLABI

Kull leħen għandu jkollu għalih ittra waħda: għalhekk ikteb *ċirċ, ċurkett, ġeru, gorboġ, gerger.*

Kull sillaba ma jistâx ikollha iżjed minn vokali waħda: għalhekk *ħa-ġa* u mhux *ħa-gia*, *kax-xa* u mhux *kax-xia*, *sej-jer* u mhux *sei-ier*, *taw-wal*, u mhux *tau-ual*, *mi-ja* u mhux *mia.*

Il-*ie* fi kliem bħal *ġieb*, *bieb* hi vokali waħda flok *â* twila.

Żewġ kelmiet wara xulxin jinqiesu waħda u għalhekk ma tistâx tikteb *ħafna ulied*—(minn WiLeD), *mita ifieq*, iżda *ħafna wlied, mita jfieq*, li jinqasmu f'sillabi hekk: *ħa-fnaw-lied—mi-tajfieq*. Hekk ukoll *meta nsiru*, *meta r-raġel* u mhux *meta insiru*, *meta ir-raġel*:—kull sillaba, vokali waħda.

Dik l-*i* ta' *insiru* u *ir-raġel* hi *eufonica* jiġifieri *tal-leħen* u għalhekk żejda; biss ninqdew biha meta l-kelma (li tkun tridha) tkun fil-bidu jew wara kelma li tispiċċa b'konsonanti: *Ir-raġel*, *ejjew insiru*. Ara wkoll: *Uċuħ*, iżda *ħafna wċuħ*; *Ukoll*, iżda *magħna wkoll. Hekk ikun*, iżda *meta jkun*; *kif urejt*, iżda *malli wrejt. Il-kelb*, iżda *malli l-kelb.*

Toħroġ minn dan li għedna kelma li tibda b' vokali illi jkollha fuqha l-aċċent tal-kelma; *mur u ixtri,*

Kull sillaba jrid ikollha vokali bil-fors, waqt li vokali weħidha taqdi wkoll ta' sillaba, għalhekk *ġib*, *ruħ*, *xtaq-i-dur*, *kiel-u-koll* u mhux *ġjb*, *rwħ*, *xtaq jdur*, *kiel wkoll*.

L-AĊĊENT

L-Aċċent hu dik is-saħħa li nagħmlu fuq il-vokali tas-sillaba. *Dâr*, *ħátaf*, *kùll.*

L-aċċent ma jistâx jaqa' fuq konsonanti: għalhekk meta nħossu l-aċċent fuq il-leħen ta' *i* u *u*, nafu li għandna niktbuhom *í* u *u*, u mhux *j* u *w* li huma konsonanti.

L-aċċent jista' jkun :
Aċċent sħiħ (`) *qèrr*, *ħàrbat*
Aċċent ħelu (´) *féraq*
Aċċent twil (^) *fâr*, *bibien*

Il-kisra *ie* għandha dejjem l-aċċent twil fuqha, għax qiegħda flok â.

L-egħliem (` ´ ^) ma għandniex għal fejn ninqdew bihom ħlief fit-tagħlim, biss indaħħlu l-aċċent twil f'xi kelma biex nagħżluha minn oħra li tinkiteb bħalha, iżda b'aċċent ieħor: *Baħħar*, *baħħâr; ġara*, *ġâra; ħadna*, *ħâdna*. Ġie li ndaħħluh ukoll fi kliem bħal *ma satâx*, biex nuru n-nuqqas tal-*għ* (minn *satagħ.*)

Kull kelma ma jistâx ikollha iżjed minn aċċent wieħed, għalhekk fit-tiswir u t-twsigħ tal-kelma, l-aċċent jista' jinbidel u jiċċaqlaq, iżda lê jiżdied ieħor.

Għidna li l-kisra *ie* għandha dejjem l-aċċent (twil): għalhekk meta nsawru jew inwessgħu kelma li fiha l-*ie*, u nċaqalqu jew inbiddlu l-aċċent, il-ħoss ta' *ie*, jekk imur minn fuqu l-aċċent (twil), jinħass u jinkiteb *e* jew *i*

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Missier* | = *missirijiet* | u mhux | *missierijiet* |
| *bierek* | = *berìkt* | ,, | *bierìkt* |
| *qiegħ* | = *qigħân* | ,, | *qiegħân* |
| *jieħu* | = *ma jeħux* | ,, | *ma jieħux* |

Kull kelma ma jistâx ikollha iżjed minn sillaba waħda wara dik ta' l-aċċent, għalhekk fil-Malti ma nsibux kliem li bit-taljan jissejħu *sdruccioli* (b'żewġ sillabi wara dik ta' l-aċċent).

Dan jixhduh illi kliem bħal dawn li daħlu fih minn ilsna oħra, jiġi li jitilfu din il-għamla u jieħdu tagħna.

Minn *dìsputa* għandna *dispûta*, minn *pùlpito* għandna *pulptu*, (*jissokta*)

# X'JIKTBULNA

*Inġibu hawn xi ftit milli kitbulna sewwa fuq il-ħruġ tat-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija *kemm ukoll tal-*Malti. *Xtaqna kellna l-wisa' biex inġibuhom kollha, imma dawn biż-żejjed biex juru x'jaħsbu fuqna ħafna nies, għad li huma barranin mill-*Għaqda *tagħna.*

*Fost il-Maltin:*

D. Mauro Caruana

Benedettino

Arcivescovo di Rodi Vescovo di Malta

*Jiżżi-ħajr lis-Segretarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u jixtieqlu l-festi t-Tajba.*

Mons. Giovanni Ma. Camilleri O.S.A.

Vescovo Titolare di Modona

*biex jiżżi-ħajr u jifraħ* [*Mit-Taljan*]

*Birkirkara*
*26 ta' Diċembru 1924*

*Għażiż Sinjur,*

*Nіżżik-ħajr, għad illi tard billi kont marid, tal-Ktieb żgħir fuq il-kitba maltija. Hu interessanti tassew u nittama li dan ix-xogħol hekk qawwi, frott tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, jiġi studjat u jiktbu fuqu kif tistħoqqlu.*

*Kollni tiegħek*
G. Ferris

*Lis-Sur F. S. Caruana* — *The Malta Review* (*Mill-Ingliż*)

---

*43, Sda. Palma*
*Vittoria Gozo 18 ta' Jannar 1925*

*Sur Caruana,*

*Ma' din l-ittra sejjer nibgħatlek 1/6 bolli biex jekk jogħġbok tniżżel ismi ma' ta' l-imseħbin fil-*Malti.

*Jiena fraħt ħafna xħin qrajt illi l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti *sejra toħroġ* il-Malti, *kif ukoll fraħt meta qrajt illi l-istess Għaqda ħarġet it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija. *Dan it-*Tagħrif *qrajtu b'leħħa kbira, u ħadt gost wisq u wisq fil-qari tiegħu, u nittama illi l-gost tiegħi ma jkunx iċken meta naqra l-*Malti.

*Niżżik-ħajr minn qalbi għat-taħbit li sejjer natik, u fil-waqt li nixtieq li l-*Għaqda *tgħaddi dejjem iżjed il-quddiem f'dan ix-xogħol tqil li bdiet,*

*Nitolbok tgħoddni*
*B'qaddej tiegħek*
Giuseppe Saliba

*Sur Caruana,*

*B'ferħa kbira qrajt illi « Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti » sejra toħroġ kull tliet xhur ktieb* « Il-Malti », *u billi jiena wieħed minn dawk li jħobbu jxandru il-Lsien sabiħ ta' art twelidhom, nixtieq li tibgħatli kopja kull meta joħroġ.*

*Nixtieq ukoll lill-«Għaqda» kull ġid u kull barka sabiex tkompli taħdem għal ġieħ ta' Malta u ta' Wliedha.*

*Għoddni dejjem tiegħek*

*Collegio Inter. di S. Antonio*
*Via Merulana 124*
*Roma (24)*
*29-1-25*

P. Pawl Tabone
*ta' Ġieżu*

*(Jissokta)*

# L-ISKRITTURA MQADDSA U KIF INHI MNEBBḤA MN-ALLA

I. X'*jiġifieri* l-*Iskrittura Mqaddsa hija mnebbha mn-Alla* ?

Meta ngħidu illi l-Iskrittura Mqaddsa hija mnebbha mn-Alla, li fiha l-kelma t'Alla, ma nifhmux ingħidu biss li hija ktieb jew (aħjar) kotba għeżież bħall-kotba l-oħra miktuba min-nies għorrief u qaddisa, iżda li fihom *tassew* il-kelma t'*Alla n-nifsu.* Mela ma nifhmux ingħidu, bħalma ħasbu xi wħud, kotba miktuba mill-bnedmin, u nbagħad *mgħoddija* mill-knisja, li dina nbagħad daħħlithom fil-*Canone* tal-kotba mqaddsa: l-inqas ma nifhmu ngħidu li dawk il-kotba huma mnebbha u mqaddsa, biss il-għaliex fihom—*minngħajr żball*—dak kollu li Alla għoġbu jgħarrafna: jew biss il-għaliex l-Ispirtu Santu ħalla l-kittieba

mqaddsa jiktbu u Huwa għenhom biss u żammhom li ma jeħdux xi żball. Le, dan m'hux biż-żejjed. Imma l-kotba mqaddsa ta' l-Iskrittura huma mnebbha minn Alla u fihom il-kelma t'Alla, il-għaliex huma miktubin min-nies iva, imma mnebbha minn l-Ispirtu Santu bħala *awtur veru u prinċipali* tagħhom: il-bnedmin huma bħala għodda t'Alla, li kitbu *dak kollu u dak biss* li Alla riedhom jiktbu f'dawk il-kotba, u għalhekk huma biss *awturi sekondarji*: dawn l-*awturi sekondarji*, bħala awturi mżejna bid-dehen, għandhom biss xi *parti sekondarja* fil-kotba mqaddsa, bħallikieku d-differenza ta' l-*istîl, taqsim* u ħwejjeġ hekk: in-nebħ li bih Alla kiteb bil-kittieba mqaddsa jinsab f'*dawl* fil-moħħ biex fiehmu dak kollu u dak biss li Alla riedhom jiktbu, *grazzja* li qanqlet il-qalb biex kitbu dak kollu li Alla riedhom, u *għajnuna* bla heda biex *ma jieħdu l-ebda żball* f'dak kollu li Alla riedhom, skond il-fini tiegħu.

Għalhekk l-ebda żball ma jista' jinsab fil-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa, u l-għerf ta' kull żmien ma jagħmilx ħlief iwettaq dik il-kelma t'Alla. Għalhekk l-Iskrittura Mqaddsa ma' jistâx ikun fiha żbalji, 1 el.) fi ħwejjeġ li jmissu l-fidi u l-kostumi, 2 ni.) fi ħwejjeġ li jmissu l-istorja; 3 et.) L-Iskrittura kollha u l-bċejjeċ (*partes*) kollha tagħha, hija mnebbha b'mod li f'ebda waħda minn dawna ma jista' jkun hemm ebda żball; 4 a'.) Kull ma, fl-Iskrittura Mqaddsa, igħid, ifisser u jitkellem il-kittieb immqaddes, għandu jkun miżmum bħala megħud u mfisser minn l-Ispirtu Santu.

II. *Mnejn inkunu nafu liema huma l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa.*

Dan nistgħu nafuh biss mix-xhieda t'Alla li waslet lilna bit-*tradizzjoni Apostolika.* Fuq dina *it-tradizzjoni* tpoggi l-Knisja Mqaddsa, Kattolka, meta tiżgurana bil-kelma u bis-setgħa tagħha liema huma l-kotba mnebbha mn-Alla.

Dana l-Knisja għamlitu fl-Imqaddes Konċilju ta' Trentu (Sess. 4. De Canon. Script) u fil-Konċilju Vatikan (Sess. 3. Constit. De fide cap. 2.)

EGĦLUQ

F'dak kollu li jmiss l-Iskrittura Mqaddsa għandna dejjem noqogħdu għall-kelma u fuq il-kelma tal-Knisja Kattolika Apostolika Rumana, li u la tista' tqarraq u l-inqas titqarraq, skond is-sentenza li baqgħet imsemmija tal-għaref S. Wistin: *Jiena ma kontx nemmen fl-Evanġelju, li kieku ma kinitx tiżgurani s-setgħa tal-Knisja.*

**Mons. Karlu Cortis.**

# IT-TROBBIJA TAT-TFAL

(MINN TA' MATILDE SERAO)

It-tfal żgħar huma minnhom infushom twajbin u fl-istess ħin ta' ħażen misterjuż: singulari, interessanti, tħosshom jiġbduk, u fihom il-ħajja tal-bniedem tieħu qagħdiet l-aktar ħelwin u l-aktar kapriċċużi. Għat-tbissima tagħhom li hi l-hena ta' l-omm u għall-gidma li jâtu 'l oħthom ikbar minnhom, għall-għerf tat-twiġiba li jâtu u għall-ġibda li jeqirdu kull ma jiġi taħt idejhom, għall-kisra tal-ħarsa tal-għajnejn koħol tagħhom u għat-taqliba tal-biża' tal-korla tagħhom ta' tfal li huma, għal dik ix-xi-ħaġa karitâ li jagħmlu u għall-kefrija tal-għasfur li jintfu, għal dik il-bewsa li jâtuna minn rajhom u għall-bixla bla galbu li biha jiżżuna ħajr 'għall-ħwejjeġ tal-logħob li nâtuhom, għas-simpatija tagħhom u għal mibegħda tagħhom bla raġuni, għall-dawn il-ħwejjeġ kollha li xejn ma jaqblu, għal dawn il-ġibdiet li għalihom jobdu minngħajr ma jâfu l-għala, aħna fid-dmir li nrabbuhom sewwa.

B'dana kollu, it-tfal jiswew daqs il-kbar! Għalhekk għandna nagħmlu kull ma nistgħu biex inrabbuhom sewwa u noftmuhom mid-drawwiet koroh li jaħbtu jitrabbew fihom.

U nbagħad it-tfal tal-lum, imwielda minn nies imqarqċa, iktarx imrobbijin kif ġie ġie, li jaraw ħafna ħwejjeġ li ma għandhomx jaraw, li jixorbu l-ġlied ta' bejn missierhom u ommhom, li jitgħallmu bosta ħażen, jitilgħu ħżiena minn taħt djul ommhom bla ma jqisu dak li jagħmlu u li aħna minn xi daqqiet nistagħġbu bil-brikkunati tagħhom.

It-tifel tal-lum jaqra bosta kotba ħżiena u għandu f'idejh ħafna gazzetti libertini, iżomm ukoll b'għożża kbira ħafna xbihiet moqżieża u jieħu sehem, b'dehwa liema bħalha, għad-dehriet taċ-ċinematografu.

Meta jisma' l-kbar jitkellmu bil-kwiet fuq dawk li jneħħu ħajjithom b'idejhom, meta jara lil min jiżżuffietta bir-Reliġjon, huwa jwaqqaf widnejh. Għalhekk aħna ma nistgħux għajr nitħassruh: tifel imsejken!

Imsejken għad-demm dgħajjef li r-razzez imgħaxxa jâtu fil-vini tal-wild tagħhom, għall-mard irqiq, għan-nuqqas tas-saħħa

għall-ġenn li jiret, imsejken għat-tħollija u l-faqar imxierka flimkien, imsejken għat-tħollija u l-għana msieħba flimkien, imsejken għall-qżiżijiet li f'nofshom irid igħix, imsejken għall-missier tas-sengħa li jaħseb għal rasu biss, għall-omm għanja iżda bla mħabba, imsejken għal bosta ħtijiet tagħna ! It-tifel jidra jsofri, iħobb, u bħalna juri ħaġa b'oħra. Hu tant marbut ma' qalbna u tant biċċa min'na,li spiss iħarisna mill-għawġ, kif ukoll iwassalna fih.

Din il-kitba tiegħi, miktuba għall-kbar, titkellem dejjem fuq it-tfal żgħar, kitba vera fuq tfal veri li ma qlajthomx minn żniedi. Għaxu miegħi: għadni qiegħed narahom: uċuh magħluba, ħaddejn bil-wardiet, iġsma rqajqa, oħrajn smien, imlibbsin il-ħarir jew imqattgħin ċraret, uħud bil-ġuħ, oħrajn paxxuti.—Dawn huma t-tfal li rajthom wiċċ imb'wiċċ, tfal ferħana, oħrajn ħusbiena, tfal ta' manjeri tajba, oħrajn ta' azzjonihom ħażina, tfal ħelwin, oħrajn imqarrsa !

Għalikom, o qarrejja, li x'iktar għandkom xi tarbija ċkejkna b'għajnejha kbar u suwed, tarbija li hi marbuta ma' qalbkom, għalikom dil-kitba tiegħi, biex tagħmlu ħiltkom kollha biex tkkorrieġu lit-tfal imqarba, twiddbuhom fid-drawwiet ħżiena tagħhom u bis-sabar kollu turuhom il-kruha tan-nuqqas tagħhom !

Niftakru li t-tfal huma l-irġiel ta' għada, li minnhom artna tittama l-ġid u l-hena ta' wliedha.

**G. Micallef Goggi.**

IXTRU

IT-TAGĦRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA

Jinbiegħ 10 soldi BISS

Minn għand

CRITIEN TAL-KOTBA

34. SDA. REALE

VALLETTA

# XINHI L-ĦAJJA TAL-BNIEDEM

*Lill-Kavalier Muscat Azzopardi,*
*b'ħala qima li għandi lejh, din*
*in-nitfa ta' taqbila nâti.*

Xi tkun qatt, għidu,—ħajjiet il-bniedem?
  Xejn, ħlief biss ħolma—li dlonk tintemm.
  Nagħmlu li ngħixu—f'ħala u xalati:
  ma jibqâx fl-aħħar—minn dawn ħlief hemm.

Kollox ilellex—inti tkun tara,
  għax ma stajtx tifred—il-hemm mill-ferħ:
  iżda ftit wara—tħoss qalbek timrad,
  bla ma tâf għala—qatt ma ssib serħ.

Il-ferħ li qabel—kont bih tithenna,
  li lilek wira—ħajja sabiħa,
  lil qalbek issa—bid-dwejjaq mela;
  lilha mkien iżjed—ma trodd mistrieħa.

Din biss, din tisfa—ħajjiet il-bniedem!
  U bosta għômja—wara kull frugħa
  ma jsibux f'qalbhom—għajr dmugħ u niket,
  għaliex ħajjithom—mimlija bluha.

Ħarsu lejn bniedem—mitluf fil-bâtal:
  imqarraq jibqa'—sa kemm imut,
  għax ma jafx jagħraf—li xewk hi l-ħajja
  minn ġewwa n-nieqa—sa ġôt-tebût!

**Salvu Agius**

Miktuba fl-irtir tal-Karnival
f'San Kalċidonju.

# KIF BDIET U MXIET IL-GħAQDA

Nibdew inġibu hawn x'għadda mill-Għaqda tagħna mit-twaqqif tagħha u nibqgħu nġibu fi drabi oħra sa ma naslu biex ingħidu x'ikun għaddej minn għaliha.

IT-TWAQQIF

F'Settembru ta' l-1920, dehru fil-*Habib* ittri miktuba minn X.C. kollha ħrara biex titwaqqaf Xirka. Din ix-Xirka, X.C., xtaqha li titwaqqaf b'dawn iż-żewġ fehmiet ewliena:

1. Li ġġagħal 'ill-kittieba kollha tal-Malti jżommu *ortografija* waħda, skond kif ma taqta' hi.

2. Li tqajjem u xxerred il-kitba TAJBA bil-Malti (Ara l-*Habib* 21-9-20)

Għall-kitba ta' X. C. wieġbu tajjeb l-aħjar kittieba, sew fil-*Habib* kemm f'xi gazzetti oħra.

Fid-9 ta' Novembru ta' l-istess sena, ħarġu Ċirkulari fejn stiednu lill-kittieba kollha tal-Malti biex jieħdu sehem fl-ewwel laqgħa li kellha ssir fl-14 ta' l-istess xahar fid-Dar ta' l-*Unione Cattolica San Giuseppe.*

L-EWWEL LAQGħA

L-ewwel laqgħa saret fl-14 ta' Novembru 1920 fid-Dar ta' l-U.C.S.G. u ħadu sehem fiha sitta u tletin kittieb, barra minn ħafna ittri mibgħuta minn min ma satâx jieħu sehem dak in-nhar.

Barra mill-ħatra ta' President u Segretarju—maħtura il-Kav. G. Muscat Azzopardi u s-Sur F. S. Caruana—ġiet magħżula kummissjoni ta' 5 min-nies biex tlesti Rapport fuq l-Ortografija tal-Malti. Ġew magħżula: għal Malta, il-Kav. G. Muscat Azzopardi, is-Sur P. F. Bellanti, il-Mons. P. Galea, is-Sur Nin Cremona u l-Prof D. Karm Psaila. Għal Għaudex (biex igħinu lil ta' Malta): is-Sur Ġann Vassallo, l-Avukat G. Micallef u l-Mons. P. Cauchi.

IL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni bdiet taħdem malajr. Iltaqgħet 17-il darba u lestiet abbozz ta' Alfabet u ta' Grammatka. Ta' Għawdex bagħtu wkoll ix-xogħol tagħhom. Il-Kummissjoni, qabel ma thejji x-xogħol tagħha f'sura ta' Ktieb, qatgħet illi tgħaddi l-alfabet, minnha magħżul, minn laqgħa tal-Kittieba. Dan għamlitu għax billi l-Alfabet ma hux għajr *egħliem ta' ftehim* u hekk jista' jinbidel, kien jinħtieġ li jiġi, *bi ftehim*, magħżul mill-Kittieba, waqt li r-réguli tal-grammatka—maħluqa mal-lsien—ma jistgħux jinbidlu.

Stampat ir-Rapport tagħha fuq l-alfabet u qassmitu fost il-Kittieba biex jithejjew għal-laqgħa li kellha ssir, (Ara *Rappoit fuk l-Alfabet Malti* 1921, Tip. G. Muscat).

IT-TIENI LAQGħA

L-Alfabet magħżul mill-Kummissjoni u mressaq fil-laqgħa tat-18 ta' Diċembru 1921 kien Alfabet Fonêtku ta' 29 ittra. Dan ġie mgħoddi mil-laqgħa bħala Alfabet Fonêtku—jiġifieri li kull ittra toqgħod għal leħen wieħed—biss tbiddlu żewġ ittri. Flok il-ḡ u l-ū li ressqet il-Kummissjoni, ġew imdaħħlin il-g u l-w.

IT-TIELET LAQGħA

Għad illi l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kienet ilha mwaqqfa sa minn Novembru ta' l-1920, kien għad ma għandhiex Statut u Kumitat għaliha. Dan l-istatut ġie mgħoddi fil-laqgħa tas-7 ta' Mejju ta' l-1922 u fl-istess ħin inħatar, fuq dan l-istatut, l-ewwel kumitat.

L-ewwel Kumitat kien:

PRESIDENT ONORARJU

l-Onor. Prof. Temi Zammit C.M.G., M.D. D. Litt. (Oxon)

PRESIDENT

Il-Kav. Ġużê Muscat-Azzopardi, B.M.

VIĊI-PRESIDENT

l-Onor. Senatur Mons. P. Galea J.C.D.

SEGRETARJU

Is-Sur F. S. Caruana

KAXXIER

l-Onor. Arturo Mifsud, M.L.A.

MEMBRI

Il-Prof. Mons, C. Psaila—s-Sur Nîn Cremona—s-Sur Ġużê Demajo P.L.—s-Sur Rogantin Cachia—s-Sur Ġużê Micallef Goggi—s-Sur Ġużê Micallef—is-Sur Vinċenz Mifsud-Bonnici.

(*jissokta*)

# INWISSU

—Bil-għajnuna t'Alla wasalna biex noħorġu dan l-ewwel għadd tal-MALTI li fih beħsiebna nġibu bl-ilsien Malti kull ma hu tajjeb, sabiħ, meħtieġ; għalhekk nilqgħu bħala kittieba lil kull-ħadd. Min jogħġbu jibagħtilna kitba nilqgħuha, ngħarbluha u jekk jidhrilna li tgħodd għalina nibagħtuha għall-istampa.

—Biex uħud mill-kittieba tagħna ma tantx iħabbtuna billi jkollna noqogħdu nikkorreġulhom il-kitba tagħhom, nitolbu-hom li jixtru u jistudjaw it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*: u fl-istess ħin dan jiswa lilhom. Ma dan kollu aħna m'aħniex sejrin nistmerru jekk ikollna nsewwulhom l-ortografija tal-manu-skritt tagħhom, anzi b'hekk jitgħallmu wkoll xħin jaraw il-kitba tagħhom stampata tajjeb u jqabbluha ma' kif kitbuha. Hawnx xi ħadd li sejjer jistampa xi ktieb bil-Malti u jippika magħna billi jibagħtilna l-manuskritt ? u jara kif aħna nsewwuhielu l-ortografija ! ! Bil-patt, imma, li jistampah bl-ortografija tagħna !

—Nitolbu lil dawk li għandhom xi skieda tal-*Malti* f'idejhom, b'xi firmi, li jfittxu jibagħtuhielna.

—**Kull min ma ffirmax l-iskieda, u jasallu "*Il-Malti*", jekk mhux bi ħsiebu jissieħeb fih, nitolbuh li jibagħtulna l-ura b'ismu.**

—Kontra qalbna kellna nħallu barra ħafna affarijiet, għad illi flok b'24 faċċata, kif konna wegħdna, ħriġnih bi 32 faċċata. Ħallejna barra xi kitba ta' ħbieb tagħna li jieħdu ftit tas-sabar u jistennew sa ħarġa oħra. Ħallejna barra wkoll xi ħwejjeġ oħra li xtaqna wisq li dehru f'dan l-ewwel għadd bħal ma huma ittri li waslulna minn barranin fuq it-*Tagħrif*. Ftit tas-sabar u ftit tal-ħidma ! biex, kk-Alla jrid, jekk insibu msieħba iżjed, inkabbru iżjed IL-MALTI.

# BEJNIETNA

M.—GĦAWDEX : Nizżuk-ħajr minn dak li ktibtilna, u nistennew xi ħaġa minn tiegħek għall-għadd li ġej.

Stampat fl-EMPIRE PRESS.